Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦA AH HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**L-Erbgħa, 19 ta' Settembru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-12.30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

**Pjazza Madonna ta' Loreto**

Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa fejn qal li kien hemm xi żviluppi fuq il-Pjazza. Is-SE qalet li hija bagħtet l-ittra lill-Isqof u s-Sur Guzman kif kien miftiehem fil-laqgħa numru 7.

Is-Sindku qara l-ittra lill-prezenti li l-Kunsill irċieva mis-Sur Guzman. L-ittra tgħid li d-DFC tal-Kurja ma qabilx mal-kundizzjoni li l-manutenzjoni ta' wara li jitlesta l-proġett tiġi nkorporat mill-Kunsill u mill-Knisja t'Għajnsielem. Huwa talab li din il-klawsola tiġi nkorporata mill-Kunsill waħdu. L-ittra tgħid ukoll li jekk ikun irid isir xi xogħol ieħor fil-futur li huwa differenti milli huwa ndikat fil-pjanta, dan ix-xogħol irid jiġi approvat mill-Kurja.

Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż tal-manutenzjoni wara li jitlesta l-proġett tal-Pjazza jiġi nkorporat mill-Kunsill, avolja din l-klawzola kien daħħalha l-istess Arcipriet. Il-Kunsill qabel ukoll li xi xogħlijiet fil-futur li jinvolvi tibdil fil-pjanti preżentati iridu jkunu approvati qabel kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-DFC (Diocese Finance Committee).

Kwalunkwe ħsara li ssir fil-futur fuq il-pavimentar tal-Pjazza min xi xogħol ingaġġat mill-Knisja t'Għajnsielem jrid jitħallas mill-istess Knisja. Dawn ix-xogħolijiet jistgħu jinkludu iżda mhux biss; armar tal-festa, kif ukoll xogħol fuq iz-zuntier (taraġ) tal-Knisja.

Il-Kunsill qabel li z-zuntier (taraġ) qatt ma jista jingħalaq għal-publiku waqt xi attivita` mtellgħa mill-Kunsill fuq il-Pjazza.

Stephen Mercieca issuġerixxa li l-embelishment tal-pjazza jiżdied għal-mal-ġemb tal-Knisja, fejn hemm ir-Radju u tat-tombla. Is-sindku ma qabilx li dan ix-xogħol isir ma dan il-proġett, għalkemm hija idea tajba. Il-Kunsill qabel li din issir fil-futur bħala it-tieni fażi tal-proġett.

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv